**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 202 / 2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Janis Caruana**

Illum, 29 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Janis Caruana, iben Alexander u Mary nee' D'Amato, imwieled Pieta', fit-22 ta' Novembru 1985, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 577785(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Frar 2016, fi Triq it-Torri, Sliema u fi nħawi oħra f' dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew kien xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu;
2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-

esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew kien xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Bħala persuna kkundannata u bħala priġunier ieħor ħarab mill-ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, dik ta' PS 778 u PC 127, u dan ai termini tal-artikolu 151 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ċioe` mill-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D. mid-digriet datat 15 ta' April 2015 u li permezz tiegħu, huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat iehor;
5. Kiser il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza datata 6 ta' Novembru 2015 mill-Maġistrat Dr. J. Mifsud LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
6. Sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b' sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' April 2016 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b) u (d), 49, 50, 151, 338(dd) u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu (b' dan illi ma sabitx lill-imputat ħati tal-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9) u kkundannatu għal piena ta' tmintax -il (18) xahar priġunerija effettiva – li minnhom għandu jitnaqqas kull zmien illi l-ħati inzamm taħt arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li nstab ħati tagħhom – u multa ta' disa' mija u ħamsin Euro (€950) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-ħati jiskonta l-piena ta' priġunerija erogata b' din is-sentenza u għal dan il-għan ir-Registratur għandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karċerarji. B' dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas

pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi kkonvertit f'terminu ta' priġunerija skond il-ligi. Illi, ukoll, ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ħamest elef, seba' mija u ħamsin Euro (€5,750), rapprezentanti in kwantu għas-somma ta' seba' mija u ħamsin Euro (€750), depozitu impost għall-ħelsien mill-arrest tal-hati permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kif preseduta, tal-15 ta' April 2015 u in kwantu għas-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000), bħala garanzija personali imposta permezz tal-istess digriet u *in oltre* rrevokat d-digriet tal-ħelsien mill-arrest mogħti lill-ħati mill-istess Qorti fil-15 ta' April 2015 u ordnat l-arrest mill-ġdid tiegħu. Stante li din ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni. Ukoll, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti maħtura f' dawn il-proċeduri ossia s-somma ta' mija, tmienja u tmenin Euro u tmenin ċentezmu (€188.80), rapprezentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni esebita mix-Xjenzat Godwin Sammut, liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sena mid-data tas-sentenza. *In oltre*, l-Ewwel Qorti ordnat ir-rilaxx tas-somma ta' mitejn, tnejn u erbgħin Euro u għaxar centezmi (€242.10) eżebita bħala Dokument JR1 u t-tliet *mobile phones*, *sim cards* u ċappetta ezebiti bħala Dokument JR2, favur il-ħati, filwaqt illi ordnat d-distruzzjoni tas-sustanza ezebita bħala Dokument JR u l-bqija tal-eżebiti formanti parti minn Dokument JR2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taht il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Il-Qorti ukoll ġibdet l-attenzjoni tad-Direttur tal-Ħabs illi l-ħati għandu jingħata l-kura u l-għajnuna kollha neċessarja sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga inkluż billi jingħata l-opportunita` li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-istess vizzju.

Rat ir-rikors tal-appellant Janis Caruana minnu ppreżentat fl-20 ta' April 2016 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza mogħtija nhar it-8 ta' April 2016 billi filwaqt illi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabitu ħati tal-akkużi numri 1, 3, 4, 5 u 6, tikkonfermaha wkoll f' dik il-parti fejn illiberatu mill-akkuza numru 2, tvarjaha f' dik il-parti fejn ikkundannatu għal terminu ta' tmintax-il xahar priġunerija u konsegwentement tipprovdi għal piena aktar mita u idoneja.

Rat it-talba magħmula mill-appellant fis-seduta tas-27 ta' Frar 2018 sabiex din il-Qorti, fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga.

Rat illi permezz ta' digriet datat il-15 ta' Ottubru 2019, il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, laqgħat din it-talba u konsegwentement wara li assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, rreferiet lill-appellant quddiem il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 u ordnat il-komunika tad-digriet tagħha lil dan il-Bord sabiex hu jottempera ruħu ma dak dispost fl-artikolu 8(10) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz ta' nota bil-miktub.

Rat illi dan l-appell ġie rikjamat sabiex jinstema' quddiem din il-Qorti, kif ippresjeduta, u dan in ottemperanza ma' dak dispost fl-artikolu 8(6A) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara in-nota ippreżentata mir-Reġistratur tal-Qorti fuq ordni tal-Qorti fil-proceduri li mexjin kontestwalment ma' dan l-appell u li jġib in-numru 121/2015.

Rat in-nota aġġornata ippreżentata mir-Reġistratur tal-Qorti tat-02 ta' Awwissu 2021 fl-atti ta'l-appell numru 121/2015 minn fejn jirriżulta illi l-appellant għad għandu is-segwenti proċeduri penali pendenti kontra tiegħu:

1.Kumpilazzjoni numru 33/2010 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Doreen Clarke).

2. Kumpilazzjoni numru 450/2014 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Natasha Galea Sciberras).

3. Appell Numru 202/2016 pendenti quddiem din il-Qorti.

Rat il-konklużjoni tal-Bord milħuqa nhar l-20 ta' Mejju 2021, kif jirrizulta min-nota tat-02 ta' Ġunju 2021 ippreżentata fl-atti ta'l-appell bin-numru 121/2015, li miexi kontestwalment ma' dan l-appell, u għalhekk fit-terminu preskritt mill-artikolu 8(5) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn ġie deċiż li l-każ tal-appellant Janis Caruana ingħalaq b'suċċess.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2021 fejn is-sinjura Joanna Buhagiar Fiott kordinatriċi tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqbadu bid-Droga reġgħet tenniet illi l-Bord għalaq il-każ ta'l-appellant bl-istess rakkomandazzjoni moghtija fl-appell bin-numru 121/2015.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant iqanqal aggravju uniku fl-appell minnu ntentat u dan marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi jqis li din kienet waħda oneruża żżejjed u talab sabiex din il-piena tiġi  mitigata. Illi t-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala il-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġaladarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju mqanqal, kif ingħad.

Illi, mir-rapport tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti, kif diversament ippresjeduta, fid-digriet tagħha tal-15 ta' Ottubru 2019, jirriżulta illi l-appellant huwa kandidat idoneju sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 li jiddisponu testwalment:

> ***(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:***

*Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.*

*(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.*

Illi, mid-dokumenti ppreżentati mill-Bord tul il-perijodu ta' riabilitazzjoni li saret quddiemu, jirriżulta b'mod ċar illi l-appellant għandu storja twila ta' abbuż ta' droga b'diversi kundanni jingħataw mill-qrati tagħna għal reati multepliċi minnu kommessi tul is-snin b'konsegwenza ta' dan il-vizzju. Dan magħdud, madanakollu, jidher illi l-appellant finalment għaraf il-bżonn li jegħleb il-vizzju tat-tossikodipendenza u kkopera bis-sħiħ fil-programm ta' riabilitazzjoni. Hu kien dejjem konsistenti fl-għoti tal-kampjuni tal-urina li kien obbligat li jipprovdi darba fil-ġimgħa, fejn skond dak irrapurtat dawn kienu kollha fin-negattiv għal kwalunkwe sustanza. Huwa segwa il-pjan ta' kura imfassla għalih, integra ruħu fis-soċjetà u rnexxielu jibni relazzjoni mill-ġdid ma' ibnu u l-familja tiegħu.

Illi, għalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti issa assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula, tqies illi l-aggravju imressaq 'il quddiem mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti jistħoqqlu akkoljiment.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli

għar-reat odjern. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-appellant instab ħati, sentenza ta' priġunerija sospiża hija il-piena idoneja. Il-qorti, madanakollu ser tgħaddi biex timponi ukoll dawk is-sanzjonijiet konsegwenzjali għal piena għar-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati billi ma jidhirx illi l-leġislatur ħaseb, meta ġie imfassal il-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jindirizza dawn is-sanzjonijiet ukoll li allura għandhom mill-Qorti xortawaħda jiġu applikati. Dan ifisser illi idejn il-Qorti huma marbuta u għalħekk bl-applikazzjoni ta' dak dispost fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, kif illum emendat, u dan in segwitu għal sejbien ta' ħtija għar-raba' imputazzjoni, għalkemm mhux ser tgħaddi sabiex tirrevoka il-ħelsien mill-arrest mogħti bid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tal-15 ta' April 2015, madanakollu ser tgħaddi biex tikkonfiska biss parti mill-ammont imħallas bħala depożitu u garanzija fl-ammont ta' €100 mid-depożitu u €100 mill-garanzija personali, total ta' €200. Dan apparti il-ħlas tal-ispejjez peritali u d-distruzzjoni tad-droga eżebita.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

i) tikkonfermaha fil-parti fejn l-appellant ġie misjub ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames u is-sitt imputazzjonijiet lilu addebitati, iżda tvarja il-piena inflitta, u konsegwentement tgħaddi biex tikkundanna lill-appellant Janis Caruana għall-perijodu ta' sitt xhur (6) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-perijodu ta' priġunerija qed jiġi sospiż għal żmien sentejn (2) mil-lum, u

ii) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-appellant ġie ikkundannat għal ħlas ta' multa ta' €950 u minflok tikkundannah iħallas multa ta' sitt mitt ewro (€600), u

iii) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ġiet ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ħamest elef, seba' mija u ħamsin Ewro (€5,750) rapprezentanti in kwantu għas-somma ta' seba' mija u ħamsin Ewro (€750), depozitu mpost għall-ħelsien mill-arrest tal-ħati permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 t'April 2015 u in kwantu għas-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000) bħala garanzija personali mposta permezz ta' l-istess digriet, u ukoll fejn ġie revokat l-imsemmi digriet, **u minflok** tordna

il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €200, in kwantu €100 rappreżentanti parti mid-depożitu imħallas u €100 parti mill-garanzija personali, tirrevokaha fejn gie ordnat ir-revoka tal-hesien mill-arrest.

iv) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant ġie ikkundannat iħallas l-ispejjeż peritali fit-termini ta'l-artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta lir-Reġistratur tal-Qorti fl-ammont ta' €188.80, liema spejjez għandhom jitħallsu fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza, u

v) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ordnat ir-rilaxx ta' €242.10 ezebita bħala Dokument JR1 u t-tliet *mobile phones, sim cards* u ċappetta ezebiti bħala Dokument JR, favur il-ħati, u

vi) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ġiet ordnata d-distruzzjoni tad-droga eżebita bħala Dokument JR u l-bqija tal-eżebiti formanti parti minn Dokument JR2, hekk kif indikat fis-sentenza appellata.

Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan kif imfisser fis-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mgħoddija lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali fiż-żewġ kompilazzjonijiet pendenti quddiemha (waħda quddiem il-Maġistrat Elaine Mercieca u waħda quddiem il-Maġistrat Doreen Clarke) sabiex tiġi inserita fl-atti tal-kawżi bin-numri 33/2010 u 450/2015.

**Edwina Grima**

**Imħallef**